# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tat-Tlieta 15 ta' Novembru 2022

## Talba numru 97/2022 SFJ

**AEGIS CORPORATE SERVICES LIMITED (C-57029)**

**VS.**

**FERENC GELBMANN (BC2522837) U**

**CSENGE RITA GELBMANN ZIGETVARI (D8851984)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-14 ta' Lujlu 2022 li permezz tiegħu l-attur eppremetta w talab:

> "*Illi s-Socjeta' rikorrenti kienet ingaggata mill-intimati sabiex tipprovdi servizz ta' company registration u corporate services bejn is-sena elfejn u tmintax (2018) u l-elfejn u dsatax (2019);*

*Illi s-socjeta' rikorrenti kkomunikat diversi drabi mal-intimati sabiex ihallsu ghas-servizz li nghata lilhom imma dawn baqghu inadempjenti;*

*Illi ai termini tas-segwenti fatturi hawn annessi u rispettivament mmarkati bhala Dok A sa Dok F, l-intimati ghandhom ihallsu s-somma globali ta' elfejn, tliet mija w hames Ewro punt sebghin centezmi (EUR2,305.70):*

- Fattura numru 2018249 datata l-erba' w ghoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-ammont ta' tliet mija erba' w hamsin Ewro (Eur 354.00)
- Fattura numru 2018332 datata l-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-ammont ta' mitejn sitta w tletin Ewro (Eur 236.00)
- Fattura numru 2018469 datata l-ghoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-ammont ta' seba' w tletin Ewro punt sebghin centezmu (Eur 37.70)
- Fattura numru 2018473 datata l-ghoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmitnax (2018) fl-ammont ta' mitejn sitta w tletin Ewro (Eur 236.00)
- Fattura numru 2019027 datata t-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ammont ta' mitejn sitta w tletin Ewro (Eur 236.00)
- Fattura numru 2019112 datata t-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ammont ta' elf mitejn u sitt Ewro (Eur 1,206.00);

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob sabiex dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-intimati Ferenc Gelbmann u Csenge Rita Gelbmann bhala debituri tas-socjeta' rikorrenti u konsegwentement ihallsu s-somma ta' Eur2,305.70 lis-socjeta' rikorrenti liema somma hija rapprezentanti dejn dovut.

Bl-ispejjez u bl-imghaaxx legali.

Ra li l-konvenut gie notifikat fis-16 ta' Mejju 2022 u l-31 ta' Mejju 2022 rispettivament.

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u ma deher għal ebda seduta.

Gie pprezentat Kapitolu fit-3 ta' Ottubru 2022 *seduta stante*.

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, inkluz l-Affidavit dettaljat tal- Avukat Cedric Mifsud, ipprezentat fit-23 ta' Gunju 2022, illi b'gurament ikkonferma illi l-intimat fadallu jaghti lilu, elfejn tliet mija w hames Ewro punt sebghin centezmi (EUR 2,305.70).

Avv. Mifsud, detentur ta' karta tal-identita' numru 196979 (M), huwa d-Direttur tas-socjeta' Aegis Corporate Services Limited (C 57029).

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Oltre li x-xhieda tal-attur nomine , hija sodisfaċenti u kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenut ma ressaq ebda difiża u ebda prova in kontradizzjon. It-Tribunal, għalhekk, m'għandu ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tieghu.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn tliet mija w hames Ewro punt sebghin centezmi (EUR 2,305.70), bl-imgħax, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi mid- dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti huma wkoll ordnati jhallsu lis-socjeta attrici l-ispejjez ta' din il-kawza.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**